MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 23/2010

**Go p.l.c.
(C – 22334)**

**vs**

**Paula Gatt
(I.D. 518865M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€665.82), in konnessjoni mas-servizz telefoniku, skont kif jirrizulta mill-dokument anness mal-avviz tat-talba, immarkat Dok A.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€665.82), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------